**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 165**
**It-Tlieta, 7 ta' Novembru, 2023 fis-6:00 p.m.**

**DIZZJUNARJU TAL-LINGWA MALTIJA ONLINE**

**11198. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx xi pjanijiet li jkun hemm dizzjunarju tal-lingwa Maltija online li jkun jista' jintuża anke fuq il-mezzi tal-media soċjali?

11/08/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 165
07/11/2023

**UNIVERSITÀ TA' MALTA - TAGĦLIM TAL-ILSIEN MALTI LILL-BARRANIN PERMEZZ TA' APPS**

**11199. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx xi pjanijiet sabiex, b'kollaborazzjoni mal-Università ta' Malta, l-ilsien Malti jiġi mgħallem lill-barranin, kemm f'Malta kif ukoll barra minn xtutna, permezz ta' apps tal-lingwi bħal Duolingo u Babbel?

11/08/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li s-suġġett msemmi ser jibqa' jiġi offrut u mgħallem anke permezz ta' pjattaformi online, bħal ma sar matul dawn l-aħħar snin.

Seduta 165
07/11/2023

**MONUMENT LIL DAPHNE CARUANA GALIZIA**

**11200. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk hemmx xi pjanijiet konkreti biex isir monument li jfakkar lil Daphne Caruana Galizia, ġurnalista li ġiet assassinata fis-16 ta' Ottubru, 2017? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx diskussjoni mal-familja dwar dan? Jekk ma hemmx pjanijiet konkreti, x'qed jistenna l-Gvern biex jibda dan il-proċess?

11/08/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Diġà kont għamilt il-pożizzjoni tiegħi ċara pubblikament u nibqa' konsistenti magħha.

Seduta 165
07/11/2023

**FSWS – SOCIAL WORKERS U SOCIAL WELFARE PROFESSIONALS**

**11207. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5795, fejn il-Ministru jagħti x'jifhem li l-job descriptions tas-social workers u l-job descriptions tas-social welfare professionals huma l-istess mal-entitatjiet kollha fejn jaħdmu s-social workers u s-social welfare professionals fi ħdan il-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS), jista' l-Ministru jikkonferma li hemm tip wieħed ta' job description kemm għas-social workers u kemm għas-social welfare professionals fi ħdan l-FSWS? Jekk hemm job descriptions ta' social workers u social welfare professionals differenti ta' units differenti, jista' l-Ministru jqegħedhom fuq il-Mejda tal-Kamra?

22/08/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor.Interpellanta li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 165
07/11/2023

**FSWS – SOCIAL WELFARE PROFESSIONALS**

**11208. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9368, fejn intqal li hemm madwar 120 social welfare professional, jista' l-Ministru jgħid f'liema units tal-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS) jaħdmu s-social welfare professionals? Jista' jgħid ukoll kemm hemm social welfare professionals f'kull unit u kemm-il każ hemm assenjat fuqhom?

22/08/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 165
07/11/2023

**FSWS –SOCIAL WELFARE PROFESSIONALS - KAŻI ASSENJATI**

**11209. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm każi assenjati fuq kull social welfare professional li jaħdem mal-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS)?

22/08/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. interpellanta li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 165
07/11/2023

**AUM - STUDENTI LI GGRADWAW**

**11340. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm iggradwaw studenti mill-American University of Malta (AUM) u jekk ingħatawx impjieg hawn Malta?

11/09/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 10659.

Seduta 165
07/11/2023

**RIĊIKLAR TA' VAŻETTI/FLIEXKEN**

**11341. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid għaliex il-vażetti/fliexken tal-ħġieġ ma nieħdu xejn lura tagħhom meta nirriċiklawhom fil-bidu tax-xahar?

11/09/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-konsumatur huwa legalment intitolat għar-rifużjoni tad-depożitu ta' €0.10ċ imħallas fuq dawk il-kontenituri tax-xorb li jagħmlu parti mill-iskema, inkluż dawk tal-ħġieġ, meta jiġu depożitati fil-magni jew ritornati għand il-bejjiegħa tal-imnut.

Seduta 165
07/11/2023

**UŻU MEDIĊINALI TAL-BOTOX**

**11342. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk il-botox għall-użu mediċinali, bħal min pereżempju jkollu dystonia fil-muskoli, tinxtarax mill-pazjent għal €100 kull tliet xhur jew inkella tingħatax b'xejn mill-Gvern?

11/09/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-botox għall-użu mediċinali huwa mediċina inkluża fil-formularju tal-Gvern u tiġi amministrata fuq bażi inpatient għall 7 kundizzjonijiet differenti.

Seduta 165
07/11/2023

**SPTAR MATER DEI - INTERVENTI KIRURĠIĊI – SPIŻA GLOBALI**

**11343. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il konsulent Malti jew barrani, li jaħdmu fi sptarijiet barra minn Malta jinġiebu biex jagħmlu interventi kirurġiċi fl-Isptar Mater Dei u kemm tiġi l-ispiża globali?

11/09/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jispeċifika għal liema perjodu qiegħed jirreferi.

Seduta 165
07/11/2023

**AKKOMODAZZJONI SOĊJALI – SOCIAL IMPACT ASSESSMENT**

**11365. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk qabel l-applikanti jingħataw akkomodazzjoni soċjali, isirx Social Impact Assessment, sabiex wieħed jara kif l-inkwilini l-ġodda ser jaffettwaw lil bqija tal-blokka u anki kif huma stess ser jiġu affettwati?

11/09/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Studji Intensivi ta' Social Impact Assessment sa issa mhux il-prassi tal-Awtorità tad-Djar li jsiru. Preżentament it-team tas-social work jagħmlu assessments qabel jiġu referuti għall-board tal-allokazzjoni. Dawn l-assessments jiġu mitqiesa sewwa mit-team u anke mill-Board.

Seduta 165
07/11/2023

**BEJGĦ TA' POSTIJIET TAL-GVERN**

**11366. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm inbiegħu postijiet lil inkwilini rikonoxxuti u li l-Gvern huwa s-sid tagħhom, fil-perjodu bejn is-sena 2021 u l-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll kemm kien l-ammont totali sena b'sena?

11/09/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bejn l-2021 u llum inbiegħu 300 post lill-inkwilini rikonoxxuti u li l-Gvern huwa s-sid tagħhom. Dawn it-300 post inbiegħu kif jidher fit-tabella t'hawn taħt:-

| | |
|---|---|
| 2021 | 106 |
| 2022 | 122 |
| 2023 – Sat -30 ta' Ottubru 2023 | 72 |

Seduta 165
07/11/2023

**MCAST – FTEHIM KOLLETTIV ĠDID F'KATEGORIJI VARJI**

**11572. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġibiet għall-mistoqsijiet parlamentari 8713 u 9419 jista' l-Ministru jgħid jekk il-ftehim kollettiv partikolari fl-MCAST ġiex effettivament konkluż u ffirmat?

28/09/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ftehim ġie ffirmat f'Lulju li għadda.

Seduta 165
07/11/2023

**UFFIĊĊJU TAL-AVUKAT TAL-ISTAT – KUNDIZZJONIJIET TAL-AVUKATI U PROKURATURI LEGALI**

**11573. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8957, jista' l-Ministru jgħid f'liema pożizzjoni jinsabu t-trattativi fir-rigward tal-ftehim kollettiv fi ħdan l-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat billi d-dewmien mhux jagħmel wisq ġid?

28/09/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li l-partijiet qed jiltaqgħu b'mod regolari u li tali trattattivi jimmeritahom iż-żmien adegwat biex jiġi assigurat li l-ftehim milħuq ikun relevanti u ta' benefiċċju għall-partijiet.

Seduta 165
07/11/2023

**WIED IL-GĦAJN - KONTRAVENZJONIJIET TAT-TRAFFIKU**

**11574. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien id-dħul effettiv minn kontravenzjonijiet tat-traffiku li saru fil-lokalità ta' Wied il-Għajn mill-2020 sal-aħħar ta' Ġunju 2023?

28/09/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11561.

Seduta 165
07/11/2023

**FORTIZZA TA' DELIMARA - XOGĦLIJIET**

**11575. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'xogħlijiet saru u jindika ukoll kemm-il darba kienet miftuħa l-Fortizza ta' Delimara u xi dħul kien hemm?

28/09/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li matul dawn l-aħħar tliet snin saru dawn ix-xogħlijiet fil-Fortizza ta' Delimara:

1. Tindif ta' aktar minn nofs il-foss li jdawwar il-fortizza u wara tpoġġew blokok tal-konkrit bħala lqugħ u ostakolu sabiex ma jerġax jintrema materjal ieħor;
2. Installazzjoni ta' servizzi tad-dawl u l-ilma u sleeves għal servizzi ta' komunikazzjoni qabel ma ngħata t-tarmak fit-triq għad-dħul tal-fortizza minn l-entità kkonċernata;
3. Twaqqigħ u tneħħija ta' diversi strutturi li kienu nbnew wara l-1964 meta l-fortizza ma baqgħetx f'idejn il-militar u b'hekk issa l-fortizza ħadet id-dehra ta' kif kienet fil-bidu tas-snin 70;
4. Restawr ta' żewġ kanuni;

5. Tindif ġenerali tal-Fortizza u aċċess għall-inħawi tal-madwar.
Intant, infurmat li s-segwenti tabella tindika d-dettalji dwar kemm il-darba kienet miftuha l-fortizza u dħul li sar minn dawn l-attivitajiet.

| | |
|---|---|
| **22nd April 2023** | |
| Tickets Sold | Revenue |
| 722 | €3,246.00 |
| | |
| **23rd April 2023** | |
| Tickets Sold | Revenue |
| 1490 | €6,508.00 |
| | |
| **16th October 2022** | |
| Tickets Sold | Revenue |
| 366 | Nil * |
| | |
| **7th May 2022** | |
| Tickets Sold | Revenue |
| 185 | €799.00 |
| | |
| **9th April 2022** | |
| Tickets Sold | Revenue |
| 238 | €1,102.00 |
| | |
| **13th March 2022** | |
| Tickets Sold | Revenue |
| 212 | €939.00 |
| | |
| * 16th October 2022 - Free Admissions due to Open Day Event. | |

Seduta 165
07/11/2023

**MARSAXLOKK - KONTRAVENZJONIJIET TAT-TRAFFIKU**

**11576. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien id-dħul effettiv minn kontravenzjonijiet tat-traffiku li saru fil-lokalità ta' Marsaxlokk mill-2020 sal-aħħar ta' Ġunju 2023?

28/09/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11561.

Seduta 165
07/11/2023

**ĦAL GĦAXAQ - KONTRAVENZJONIJIET TAT-TRAFFIKU**

**11577. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien id-dħul effettiv minn kontravenzjonijiet tat-traffiku li saru fil-lokalità ta' Ħal Għaxaq mill-2020 sal-aħħar ta' Ġunju 2023?

28/09/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11561.

Seduta 165
07/11/2023

**NUMRU TA' SWIMMING POOLS - REWS**

**12577. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm hu n-numru ta' swimming pools li għandu reġistrati miegħu r-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS)? Kemm minnhom huma f'lukandi u/jew azjendi oħra direttament konnessi mat-turiżmu, u kemm f'residenzi privati? Tista' tgħid ukoll jekk hemmx inċentivi biex l-ilma li jintuża minn dawn il-pools ikun riċiklat fuq is-sit u jiġi utilizzat għal skopijiet oħrajn?

20/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Infurmata li l-ammont ta' swimming pools reġistrati mar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS) huwa ta' 4,386. Minn dawn 3,985 huma privati, filwaqt li 401 huma kummerċjali. Minn dawk kummerċjali hemm 380 illi huma konnessi mat-turiżmu, filwaqt li l-21 l-oħra mhumiex konnessi mat-turiżmu. M'hemmx inċentivi biex l-ilma li jintuża minn dawn il-pools ikun riċiklat fuq is-sit u jiġi utilizzat għal skopijiet oħrajn.

Seduta 165
07/11/2023

**APPLIKAZZJONIJIET - SWIMMING POOLS**

**12578. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm/kien hemm applikazzjonijiet pendenti tal-Ippjanar u tad- Development Notification Order (DNO) quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar għal swimming pools li mhumiex f'żona ta' żvilupp jew f'żona ta' konservazzjoni urbana, sena b'sena mill-2018 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u f'liema lokalità jinsabu? Jista' jgħid ukoll f'kull każ, f'liema stadju jinsabu dawn l-applikazzjonijiet quddiem l-Awtorità u liema minn dawn l-applikazzjonijiet ħarġilhom il-permess neċessarju?

20/10/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bl-informazjoni mitluba. Ma kien hemm l-ebda Notifika Għal Żvilupp (DNO) fil-perjodu msemmi. Il-figuri jistgħu jinkludu siti li ma jkunux jaqgħu kompletament barra miż-żona tal-iżvilupp, kif ukoll applikazzjonijiet għal żvilupp ieħor (eżempju ħitan) f'proprjetajiet li għandhom (jew qed jipproponu) pixxina.
L-istatistika għal din ir-risposta tinkludi applikazzjonijiet li ġew ippubblikati bħala applikazzjonijiet kompluti mill-1 ta' Jannar 2018 sas-26 ta' Ottubru 2023, fejn il-proposta tal-iżvilupp provduta mill-perit tal-każ, kif miżmuma fis-sistema elettronika tal-Awtorità tal-Ippjanar, tinkludi l-kliem swimming pool jew pixxina.

Seduta 165
07/11/2023

**PONTOON - NO OBJECTION**

**12579. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Awtorità tal-Artijiet ħarġitx No Objection biex isir pontoon fil-każ partikolari li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament? Jekk fl-affermattiv, jista' l-Ministru jqiegħed dan id-dokument fuq il-Mejda tal-Kamra?

20/10/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Awtorità tal-Artijiet ma tagħtix "no objection", imma tiddeċiedi jekk tagħtix il-kunsens tagħha sabiex tiġi sottomessa applikazzjoni tal-iżvilupp, kif ġara f'dan il-każ. Fil-każ li l-iżvilupp jiġi approvat mill-Awtoritajiet konċernati, l-Awtorità tal-Artijiet tkun tista' tgħaddi kirja fuq termini ta' encroachment concession skont it-termini approvati fil-permess ta' l-Ippjanar.

Seduta 165
07/11/2023

**KONTRIBUZZJONI AMBJENTALI**

**12581. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il kontribuzzjoni ambjentali li titħallas fuq soġġorni f'kull tip ta' akkomodazzjoni ġġenerat fondi mill-2016 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena, u jagħti lista komprensiva ta' proġetti li saru fejn intużaw flus iġġenerati minn din il-kontribuzzjoni? Jista' jgħid ukoll kemm intefqu flus għal kull proġett u fuq xiex?

20/10/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellant biex l-ewwel parti tal-mistoqsija tagħmilha lill-Ministru kkonċernat, u nirreferiha għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 9573 tal-Leġiżlatura XIII, u tweġibiet 234, 1310 u 7841 ta' din il-Leġiżlatura, ninfurmaha li permezz ta' dawn il-fondi saru dawn il-proġetti:

- Xogħlijiet ta' resurfacing fit-toroq tal-Promenades ta' Buġibba u l-Qawra,
- Proġett pilota tal-Pulizija għaż-żoni turistiċi,
- Titjib f'bajjiet,
- Riġenerazzjoni ta' Paceville,
- Road markings wara li sar resurfacing ta' toroq f'Paceville,
- Proġett relatat ma' 3D modelling tal-riferti arkejoloġiċi li jinsabu f'qiegħ il-baħar,
- Restawr u tisbiħ tal-ġnien storiku magħruf bħala Ġnien tal-Kmand f'Ħal Safi,
- Ġiet imwaqqfa unit ta' tindif u manutenzjoni speċifikament għaż-żoni ta' San Pawl il-Baħar, Xemxija, Buġibba u l-Qawra,
- Ir-restawr ta' Pjazza Vittoriosa, il-Birġu inkluż it-turġien tal-madwar,
- Automated public convenience fi Pjazza Tritoni,
- Il-proġett tal-car park tal-Għadira,
- Il-promenade tal-Għadira,
- Is-sand pilot Project tal-bajja tal-Mellieħa,
- Il-Ġnien Ġirolamo Cassar, il-Gudja
- Il-proġett ta' tisbiħ fil-pjazza tal-Mellieħa,
- Il-proġett tal-Magħluq ġewwa Marsaxlokk,
- Il-Ġnien Alexander Ball ġo Ħal Safi,
- L-iscuttling tal-MV Haphaestus, Għawdex,
- Il-Victoria Lines,
- Paceville Street, San Ġiljan,
- Ġnien Duminku Mintoff, Raħal Ġdid,
- Il-Pjazza ta' Buġibba,
- Inġenji li jintużaw mill-Cleansing and Maintenance Division fit-tindif ta' żoni turistiċi,
- L-installazzjoni u manutenzjoni tal-iSmart Compaction Litter Bins,
- Pjan ta' riġenerazzjoni li qed issir f'San Pawl il-Baħar, Buġibba, Qawra, Xemxija u Salini, u
- Għadira Promenade.

Qed isiru/ser jibdew isiru wkoll Triq Paceville, il-Pjazza tal-Birgu, il-Pjazza ta' ħdejn it-Tempji Neolitiċi ta' Ħal Tarxien u Pjazza tal-Mosta.

Seduta 165
07/11/2023

**KAŻ TA' INDIVIDWU**

**12638. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Fid-dawl tal-fatt illi fir-rapport tal-Kummissjoni għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, datat 5 ta' Mejju 2021, il-Kummissarju rrimarka illi ma setax jinvestiga akkużi li kienu 'time-barred', li ma jfissirx li ma kinux veri fis-sustanza, jista' l-Ministru jgħid x'investigazzjonijiet saru mill-Kummissarju Għoli ġewwa l-Ghana biex jinstab l-individwu li d-dettalji tiegħu qed jingħataw separatament?

23/10/2023

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Iterpellant li ma huwiex fil-kompitu tal-Kummissarju Għoli li jwettaq investigazzjonijiet.

Seduta 165
07/11/2023

**KAŻ TA' INDIVIDWU**

**12639. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Fid-dawl tal-fatt illi fir-rapport tal-Kummissjoni għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, datat 5 ta' Mejju 2021, il-Kummissarju rrimarka illi ma setax jinvestiga akkużi li kienu 'time-barred', li ma jfissirx li ma kinux veri fis-sustanza, jista' l-Ministru jgħid x'passi ħa biex jinstab l-individwu li d-dettalji tiegħu qed jingħataw separatament?

23/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Kif jaf tajjeb l-Onor. Interpellant investigazzjonijiet f'allegati illegalitajiet isiru mill-istituzzjonijiet relevanti li jaħdmu lil hinn mill-politiku.

Seduta 165
07/11/2023

**KAŻ TA' INDIVIDWU**

**12640. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Fid-dawl tar-rapport tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika Case No.: K023 datat 20 ta' Jannar 2020, u b'mod partikolari għall-para. 56 tiegħu dwar informazzjoni mogħtija mill-persuna li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament lill-Kumitat dwar il-Ħatriet Pubbliċi, jista' l-Ministru jgħid x'passi ħa peress illi dan juri li hemm nuqqasijiet serji li għadhom ma ġewx indirizzati? Fid-dawl tal-fatt li l-informazzjoni hi skorretta u li tiżgwida l-Parlament, jidhirlu l-Ministru li għandu jiġbed l-attenzjoni tal-Prim Ministru u tal-Ispeaker dwar dan?

23/10/2023

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru kiseb konferma bil-miktub li l-persuna in kwestjoni nħallet minn kull rabta diretta jew indiretta li qabel kellha mas-soċjetajiet azjendali msemmija f'paragrafu 56 tal-imsemmi rapport. Fid-dawl li l-Ministeru kiseb il-kjarifiki mitluba, ma tinħassx il-ħtieġa li wieħed isegwi din il-kwestjoni ma' uffiċċji jew entitajiet pubbliċi oħra.

Seduta 165
07/11/2023

**ARUC - LIĊENZJI**

**12641. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw liċenzji s'issa mill-Awtorità għall-Użu Responsabbli tal-Kannabis (ARUC) u lil min? Jista' jikkonferma jekk waħda mill-kundizzjonijiet hija li ma jkunx hemm marketing u riklami fuq mezzi soċjali u/jew gazzetti? Jista' jgħid ukoll jekk l-ARUC hux ser tuża 'zero tolerance' biex ma jkunx hemm abbużi u jgħid x'inhuma l-konsegwenzi jekk ikun hemm abbużi? Jista' jgħid ukoll jekk kienx hemm abbużi s'issa u jekk iva, x'passi ttieħdu?

23/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi s'issa ingħataw żewġ liċenzji lil assoċjazzjonijiet bl-ismijiet "KDD Society C.H.R.A." u "Ta' Zelli C.H.R.A.". Il-liġi li permezz tagħha twettqet ir-riforma tipprojibixxi kull forma ta' reklamar u promozzjoni. Għalhekk, amministraturi ta' assoċjazzjonijiet liċenzjati li b'mod intenzjonali jirriklamaw il-funzjoni tal-assoċjazzjoni bi kwalunkwe mod jiġu mressqa quddiem il-Kummissarju tal-Ġustizzja. Il-pieni applikabbli huma ndikati fit-tieni skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 628.01, ċjoè multa ta' bejn €2,000 u €10,000. Barra minn hekk, l-assoċjazzjoni tista wkoll titlef il-liċenzja hekk kif indikat fl-istess Leġislazzjoni Sussidjarja.

Seduta 165
07/11/2023

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET – SENTENZA TAL-QORTI TAL-APPELL FIL-KAWŻA KONTRA L-KUNSILL LOKALI GŻIRA**

**12642. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9995 u ċjoe`: B'referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell bejn il-Kunsill Lokali tal-Gżira u l-Awtorità tal-Artijiet preseduta mill-Imħallef Lawrence Mintoff fis-26 ta' April 2023 fejn fix-xhieda tiegħu l-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Artijiet qal illi d-deċiżjoni biex tittieħed lura parti mill-ġnien devolut lill-Kunsill Lokali Gżira kienet ittieħdet mill-Bord u l-Kap Eżekuttiv ta' qablu, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-minuti tal-Bord tal-Gvernaturi li juru meta u min kien ħa din id-deċiżjoni?

23/10/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xhieda msemmija ngħatat fl-Administrative Review Tribunal u hija msemmija biss fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Din id-deċiżjoni ttieħdet mid-"Disposals Committee'' tal-Awtorità tal-Artijiet li kien delegat mill Bord tal-Gvernaturi.

Seduta 165
07/11/2023

**PONT TAL-BIDNIJA - XOGĦLIJIET**

**12643. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12220 u jgħid meta se jitlestew ix-xogħlijiet tal-pont tal-Bidnija, u jagħti rendikont dettaljat tax-xogħlijiet li saru u dawk li hemm ippjanati li jsiru u li s'issa għadhom ma twettqux?

23/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn din il-ġimgħa stess il-pont imsemmi ser ikun aċċessibbli għas-sewwieqa u l-proġett mistenni jkun magħluq kompletament sa nofs Novembru.

Ix-xogħlijiet li saru s'issa jinkludu, għarfien dwar is-servizzi eżistenti tat-triq u devjazzjoni tas-servizzi biex ikun jista' jsir tkissir tal-pont u t-tħejjijiet tal-piles; tmien piles li saru fl-abutments fuq il-ġnub tal-pont biex isaħħu l-abutments eżistenti; tkissir tal-istruttura tal-pont eżistenti; tkissir tal-pilastru fin-nofs tal-pont biex jgħin għall-ftuħ tal-wied u l-passaġġ tal-ilma; travi tal-konkos (pile caps) u ħadid fuq kull naħa tal-abutments; tisħiħ mad-dawra taż-żewġ abutments permezz ta' konkos rinfurzat u ħitan precast; tqegħid tat-travi precast li jiffurmaw is-saqaf tal-pont il-ġdid; tqegħid tas-soqfa precast biex jingħalqu l-culverts li saru minħabba l-mogħdija tas-servizzi; tisħiħ tal-retaining walls fuq il-ġnubijiet tat-triq permezz ta' piles; travi (pile caps) tal-konkos rinfurzat fuq iż-żewġ naħat tul it-triq biex jintrabtu l-piles; bini ta' ħitan precast tul il-gnubijiet tat-triq; soqfa precast li qegħdin isiru biex tiġi ffurmata l-gallerija li ser sservi bħala bankina fuq iż-żewġ ġnubijiet tat-triq; travi precast (edge beams) li qegħdin jinħadmu li ser isiru tul it-triq kollha fejn ħa jitweħħel ir-railing tal-pont; u travi li ha jintrabtu l-crash barriers magħhom; tħejjijiet ta' manholes fit-triq kif mitlub mill-entità tal-komunikazzjoni.

Ix-xogħlijiet li fadal jitlestew huma; jingħata l-konkoż biex jintrabtu is-soqfa tal-precast (gallerija) mal-istruttura tat-travi; formazzjoni ta' livelli għat-triq u jingħata l-asfalt; qlugħ u installazzjoni ta' arbli tad-dawl ġodda; installazzjoni ta' dwal; tqegħid ta' travi precast fejn ser jitwaħħal ir-railing u eventwalment it-tqegħid tar-railing f'postu, preparazzjoni ta' travi fejn ħa jeħlu l-crash barriers u installazzjoni tal-crash barriers.

Seduta 165
07/11/2023

**IL-MOSTA - TRIQ IL-KOSTITUZZJONI - BANKINI**

**12644. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12219 u ċjoè: Fid-dawl illi reċentement bankini li kienu tal-paving fi Triq il-Kostituzzjoni, ġewwa l-Mosta, inqalgħu bħala parti mill-proġett ta' rain water culvert, jista' l-Ministru jgħid jekk huwiex minnu li dawn se jsiru tal-konkos, bil-kaġun li allura se jkun hemm telfien estetiku?

23/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett tal-Mosta kien maħsub biex itejjeb l-infrastruttura u l-ambjent urban għar-residenti Mostin. Għaldaqstant, fil-fażi preċedenti fi Triq il-Kbira bankini tal-konkos li jmissu mal-pjazza, ġew inklużi bħala parti mill-pavimentar biex jikkumplimentaw u joffru tanżizzjoni bejn it-triq residenzjali u l-pjazza. Bl-istess mod, fi Triq il-Kostituzzjoni, Infrastructure Malta kompliet bil-ħidma tagħha fuq is-sistema tal-ġbir tal-ilma tax-xita u qiegħda ittejjeb il-bankini li kienu magħmula minn pavimentar żgħir tal-konkos, li llum m'għadux jiġi manifatturat. Il-bankini ġodda saru minn kurduni ġodda lixxi u b'faxxa ta' pavimentar tal-qawwi li jkompli mal-karattru tal-pjazza, u wiċċ tal-konkos mingħajr fili, kif kienet ikkaratterizzata l-bankina l-qadima. F'livelli ta' konsultazzjoni mal-komunità Mostija, dan id-disinn intlaqa' tajjeb ħafna.

Seduta 165
07/11/2023

**PERSUNI LI ĠEW BOARDED OUT**

**12658. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 11764 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol u tgħid kemm-il persuna ġiet boarded out f'dawn l-aħħar tliet snin, u tagħti din l-informazzjoni sena b'sena?

24/10/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 165
07/11/2023

**BENEFIĊĊJI SOĊJALI - PERSUNI LI JIRĊIEVU BENEFIĊĊJI F'ISEM ĦADDIEHOR**

**12659. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11765 li oriġinarjament saret lill-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol u jgħid jekk hemmx istanzi fejn hemm persuni li jirċievu l-benefiċċji soċjali f'isem jew f'kontijiet ta' persuni qraba tagħhom u mhux f'isem il-persuna li hi eliġibbli għal għajnuna?

24/10/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, d-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali ma jkollux informazzjoni jekk il-kont bankarju li jipprovdi l-benefiċjarju jkunx tiegħu jew inkella ta' xi qraba tiegħu. Madanakollu, irrid inżid li, id-Dipartiment jesiġi li l-kont bankarju pprovdut jkun tal-benefiċjarju u li l-kont ikun wieħed ta' tfaddil jew inkella kurrenti.

Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li, l-banek ma jgħaddulniex informazzjoni jekk il-kont bankarju ikunx filfatt tal-benefiċjarju jew le. Huwa importanti dejjem li l-benefiċċjarju jara li n-numru tal-kont bankarju li jipprovdi ikun tajjeb, u li jinforma lid-Dipartiment mill-ewwel f'kas li ikun ser jibdel il-kont bankarju tiegħu.

Seduta 165
07/11/2023

**GĦAWDEX – BINI JEW IRRANĠAR TA' TOROQ LI JGĦAQQDU L-IRĦULA**

**12685. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru għal Għawdex talabx għal finanzjament għall-bini jew irranġar ta' toroq minn fondi tal-Unjoni Ewropea mill-programmi ta' fondi ta' bejn is-sena 2014-2020, għal dak li jirrigwarda toroq li jgħaqqdu rħula ma' xulxin, minkejja li dawn mhumiex toroq arterjali jew distributorji?

24/10/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru applika u ngħata Fondi Ewropej sabiex tinbena mill-ġdid Triq Għajn Abdul u Triq Wied Juno li tgħaqqad ir-raħal ta' Santa Luċija mar-raħal ta' San Lawrenz.

Seduta 165
07/11/2023

**MALTA U GĦAWDEX - TOROQ LI JAQGĦU TAĦT IT-TEN-T ROAD NETWORK**

**12686. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid liema huma t-toroq li jaqgħu taħt it-TEN-T f'Malta u liema huma t-toroq li jaqgħu taħt it-TEN-T f'Għawdex? Liema minn dawn it-toroq saru b'kofinanzjament ta' fondi tal-Unjoni Ewropea minn meta Malta daħlet fl-Unjoni Ewropeja sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u f'kull każ, ta' kull triq, jgħid meta nbeda u tlesta x-xogħol, u kemm kien il-kofinanzjament ta' fondi tal-Unjoni Ewropea? Jista' jgħid ukoll liema huma dawk it-toroq li jaqgħu taħt it-TEN T u li għadhom ma sarux ġewwa Malta u Għawdex u meta hu maħsub li se jsir ix-xogħol fuq kull triq li fadal?

24/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'riferenza għall-mistoqsija parlamentari numru 12686, qed nipprovdi l-informazzjoni relatata mal-lista ta' toroq li jiffurmaw it-TEN-T road network f' Malta u Għawdex kif ukoll lista oħra li turi l-proġetti li ġew ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea. Infrastructure Malta tagħmel diversi interventi fuq it- toroq tat-TEN-T u infatti bħalissa qed isiru xogħlijiet ġewwa Triq San' Andrija, San Ġiljan kif ukoll preparamenti għal interventi f'inħawi oħra. Fis-snin li ġejjin ser inkomplu nintervjenu f'diversi partijiet tar-rotta in kwistjoni skont l-esiġenzi u l-pjanijiet finanzjari li ser ikunu allokati.

Seduta 165
07/11/2023

**GĦAWDEX - ZEBRA CROSSINGS, PELICAN LIGHTS, BELISHA LIGHTS U TRAFFIC LIGHTS**

**12687. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10497 u jipprovdi lista ta' zebra crossings, pelican lights, belisha lights u traffic lights, raħal b'raħal u triq triq, ġewwa Għawdex li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà diretta tal-Ministeru għal Għawdex? Jista' jgħid ukoll fil-preżent u f'dawn l-aħħar ġimgħat kemm kien hemm pelican lights, belisha lights u traffic lights u fejn huma, ġewwa Għawdex, li mhumiex jiffunzjonaw kif suppost jew mhux jaħdmu u x'inhu jagħmel il-Ministeru tiegħu biex dawn jissewwew mill-aktar fis u b'hekk jiġu evitati inċidenti tat-traffiku?

24/10/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa għaddejjin xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq il-*Belisha Beacons* fejn dawn qegħdin jinbidlulhom kemm il-globi, il-bozoz, u anke l-kejbils. Qegħdin jingħatawlhom provvista ta' elettriku ġdida u l-bozoz qegħdin jiġu mtejba għall-bozoz LEDs li huma sinkronizzati li jpetptu flimkien, hekk kif mitlub mit-Transport Malta għal iktar sigurtà fit-toroq tagħna.

Fil-preżent hemm diga' 5 *Belisha Beacons* li sarulhom ix- xogħlijiet kif ġie spjegat. Filwaqt li 24 *Belisha Beacons* għalkemm qed jixgħelu, għaddejja l-manutenzjoni fuqhom kif spjegat hawn fuq. Imbgħad hemm 5 *Belisha Beacons* li sfaw miksura riżultat ta' aċċidenti u li ppjanat li jerġgħu isiru fil-ġranet li ġejjin.

Apparti dawk, hemm 12-il *Belisha Beacons*oħra li jrid isirilhom proċess ta' pjantar ġdid u li jridu jiġu approvati minn naħa ta' Transport Malta.

Fir-rigward tal-*Pelican Crossings,*ninforma lill-Interpellant li dawn qegħdin jiffunzjonaw kollha.

Il-Ministeru jaċċerta li x-xogħol ta' manutenzjoni relatat mal-*Belisha Beacons*u l-*Pelican Crossing* jibqa' għaddej kontinwu biex nisguraw li jkunu jaħdmu kif suppost u b'hekk nisguraw is-sigurtà fit-toroq.

Fuq il-Mejda tal-kamra qed inpoġġi lista tat-toroq fejn jinsabu l-*Belisha Beacons* u l-*Pelican Crossings.*

Seduta 165
07/11/2023

**IR-RABAT, GĦAWDEX - TRIQ ĠUŻè ELLUL MERCER**

**12688. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid meta ser titkompla Triq Ġużè Ellul Mercer, fir-Rabat Għawdex, peress li tinsab fi stat ħażin ħafna u fl-aħħar xhur saret biss parti minnha u mhux it-triq kollha kemm hi? Jista' jgħid meta, bejn wieħed u ieħor, hu ppjanat li ssir il-parti tat-triq li għadha ma saritx?

24/10/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lil Onor. Interpellant li ma għandix data ta' meta se issir il-parti l-oħra tat-triq.

Seduta 165
07/11/2023

**KUMPANIJI PRIVATI - APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-FONDI TAL-UE**

**12689. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9397 u jgħid x'applikazzjonijiet saru minn kumpaniji privati għall-fondi tal-Unjoni Ewropea mill-Baġit 2014-2020? Jista' jgħid taħt liema programmi saru dawn l-applikazzjonijiet u f'kull każ għal xiex kellhom jintużaw il-fondi Ewropej? Jista' jgħid f'liema stadju waslu l-applikazzjonijiet minn dawn il-kumpaniji privati u ċjoè jekk ġewx approvati jew le? Jista' jgħid dawk li ġew approvati, liema kienu u x'inhu l-persentaġġ li joħorġu mill-fondi tal-Unjoni Ewropea u mill-Gvern Malti u jelenka f'kull każ l-isem tal-kumpanija benifiċjarja? Jista' jgħid ukoll kemm hemm applikazzjonijiet pendenti fil-preżent u meta ser jagħlaq dan il-programm?

24/10/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 165
07/11/2023

**GĦAWDEX - DWEJRA - XOGĦLIJIET FIL-LATRINA**

**12690. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9269 li ngħatat fit-12 ta' Ġunju 2023 dwar fiex waslu x-xogħlijiet fil-latrina tad-Dwejra, fejn intqal li "ix-xogħlijiet ta' finishing minn ġewwa ser isir permezz tal-ħaddiema tal-Gvern. Ix-xogħlijiet fuq din il-latrina mistennija jkunu lesti f'Lulju", u fid-dawl li din issa ilha magħluqa għal iktar minn sentejn u nofs u għaddew aktar minn tliet xhur minn meta intqal li kellha tkun lesta, jista' l-Ministru jgħid għaliex u din il-latrina għadha mhux lesta u mhux miftuħa għall-pubbliku?

24/10/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jagħmel referenza għall-informazzjoni li ngħatat fil-mistoqsija parlamentari 12525.

Seduta 165
07/11/2023

**RAPPORTI DWAR VETTURI U DĦAĦEN FIT-TOROQ**

**12770. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 11743 u 12265, li oriġinarjament saru lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza u lill Ministru għat-Turiżmu, rispettivament, u jgħid kemm-il rapport sar dwar vetturi u dħaħen fit-toroq f'din l-aħħar sena?

25/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Transport Malta rċeviet 120 rapport fuq emissjonijiet bejn Jannar u Settembru 2023.

Seduta 165
07/11/2023

**TAL-PIETÀ - ŻONA QUDDIEM L-ISPTAR SAN LUQA - FTEHIM DWAR MANUTENZJONI**

**12771. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12481, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-ftehim li hemm dwar manutenzjoni taż-żona quddiem l-Isptar San Luqa f'Tal-Pieta?

25/10/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 165
07/11/2023

**RAPPORTI TA' RWEJJAĦ - LOKALITAJIET**

**12772. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12428, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jagħti l-ammont tar-rapporti li saru lid-Dipartiment tas-Sanità f'din l-aħħar sena dwar irwejjaħ u ntejjen, u jgħid ukoll kemm minnhom ġew riżolti f'kull lokalità rispettivament?

25/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illiminn 411 s'issa ġew riżolti 319.

Seduta 165
07/11/2023

**RAPPORTI TA' RWEJJAĦ - LOKALITAJIET**

**12773. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12429, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħajagħti l-ammont tar-rapporti li saru lid-Dipartiment tas-Sanità f'din l-aħħar sena dwar irwejjaħ u ntejjen, u jgħid ukoll f'liema lokalitajiet kienu?

25/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12772.

Seduta 165
07/11/2023

**ĦOLQIEN TA' PARKS NATURALI**

**12826. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid fiex wasal il-proġett ta' park naturali matul il-kosta ta' Baħar iċ-Ċagħaq u ta' park ġeoloġiku matul il-kosta ta' Wied iż-Żurrieq u Għar Lapsi?

27/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li, fir-rigward tal-park naturali matul il-kosta ta' Baħar iċ-Ċagħaq, Ambjent Malta bħalissa qed tiffoka fuq żewġ żoni partikolari - waħda faċċata ta' Vendome Redoubt u l-oħra fl-inħawi tal-Madliena. Għal dawn iż-żoni nkisbu diġà l-permessi meħtieġa u se jinbeda proċess biex jitneħħew speċi aljeni invażivi u biex jitħawlu siġar u arbuxelli indiġeni.
Fir-rigward tal-park ġeoloġiku matul il-kosta ta' Wied iż-Żurrieq u Għar Lapsi, bħalissa għaddejjin studji sabiex jiġi stabbilit l-istat preżenti taż-żona. Dawn l-istudji se jwasslu biex permezz ta' Project Green jiġu determinati l-interventi meħtieġa u jitħejja pjan t'azzjoni komprensiv.

Seduta 165
07/11/2023

**RAĦAL ĠDID - PACE GRASSO GROUND**

**12827. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk bediex it-tisbiħ tal-Pace Grasso Ground u jekk iva, f'liema stadju wasal il-proġett? Tista' tgħid ukoll jekk bediex it-tħawwil tas-siġar u arbuxelli mwiegħda?

27/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:**
Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru konċernat.

Seduta 165
07/11/2023

**TĦAWWIL TA'SIĠAR**

**12828. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm mill-100,000 siġra li ġew imwiegħda li se jitħawlu f'ħames snin, ġew imħawla s'issa?

27/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li mill-bidu tal-leġiżlatura sal-aħħar ta' Diċembru 2022, l-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża ħawlu 20,735 siġra u 10,298 arbuxell. Dawn apparti siġar u arbuxelli oħrajn li tħawlu minn entitajiet li jaqgħu taħt Ministeri oħra. Il-figuri għas-sena kurrenti għadhom qed jiġu aġġornati minħabba l-fatt li bħalissa ninsabu proprju fl-istaġun tat-tħawwil.

Seduta 165
07/11/2023

**WIED IL-GĦAJN - PARK TAL-INWADAR - PROĠETT TA' AFFORESTAZZJONI**

**12829. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid f'liema stadju wasal il-proġett ta' afforestazzjoni fil-Park tal-Inwadar?

27/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li qed jiġi finalizzat il-Pjan tal-Immaniġġjar tal-Park tal-Inwadar biex jitressaq quddiem l-awtoritajiet għall-approvazzjoni. Dan il-pjan ser ikun qed jinkludi wkoll interventi permessibbli li ser jitwettqu minn Project Green, li jinkludu tiswija ta' ħitan tas-sejjieħ, tindif minn radam, pasaġġ kulturali informattiv u programm ta' riċerka fuq afforestazzjoni.

Seduta 165
07/11/2023

**SKEMA TA' AFFORTESTAZZJONI - APPLIKAZZJONIJIET MINN KUNSILLI LOKALI**

**12830. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid liema kienu l-Kunsilli Lokali li applikaw għall-iskema ta' afforestazzjoni offruta lilhom u lil għaqdiet mhux governattivi mill-Gvern? Tista' tgħid ukoll kif u b'kemm-il siġra ġew megħjuna?

27/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li kien hemm 9 Kunsilli Lokali li applikaw għall-iskema t'afforestazzjoni msemmija. Dawn huma l-Kunsilli tal-Gudja, Swieqi, Ħal Tarxien, Marsaxlokk, Ħad-Dingli, Birkirkara, Żurrieq, Birgu u Pembroke. Flimkien ma' dawn l-applikazzjonijiet Project Green irċeviet ukoll numru t'applikazzjonijiet minn organizzazjonijiet volontarji u residenti. Project Green tinsab f'kuntatt ma' dawn l-applikanti waqt li qegħdin isiru site visits f'45 sit biex jiġu stabbiliti l-interventi meħtieġa għat-tħawwil tas-siġar.

Seduta 165
07/11/2023

**REĠISTRU TAL-FLORA U FAWNA MALTIJA**

**12831. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid fiex wasal it-tfassil tar-reġistru li jikkonċerna l-flora u l-fawna Maltija?

27/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi t-tnedija tad-Database Nazzjonali tal-Bijodiversità hija ppjanata għas-sena d-dieħla. Id-disinn u l-arkitettura tas-sistema ġew finalizzati. L-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi hija responsabbli għall-informazzjoni kollha li bħalissa qed tiġi ġġenerata, verifikata u popolata fis-sistema. Bħalissa l-ispeċi qed jiġu wkoll ikkonfermati skont l-ispeċi elenkati fil-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 549.44 u l- Leġiżlazzjoni Sussidjarja 549.123.

Seduta 165
07/11/2023

**TALBIET GĦAL MAĦFRIET PRESIDENZJALI**

**12840. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm talbiet pendenti għal maħfra presidenzjali?

30/10/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li skont l-artikolu 93 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-prerogattiva ta' maħfra hija vestita fl-E.T. il-President ta' Malta u minħabba din ir-raġuni mhux kull talba neċessarjament tiġi mgħoddija lid-Dipartiment għall-Ġustizzja fi ħdan il-Ministeru għall-Ġustizzja. Madanakollu, skont l-informazzjoni li għandu dan id-Dipartiment hemm ħmistax (15)-il talba pendenti.

Seduta 165
07/11/2023

**RAKKOMANDAZZJONIJIET DWAR ĦELSIEN MILL-ĦABS**

**12841. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid mis-sena 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari kemm-il rakkomandazzjoni saret mill-Qorti lill-Prim Ministru dwar l-inqas żmien li fil-fehma tal-istess Qorti għandu jgħaddi qabel priġunier jiġi meħlus mill-ħabs skont l-artikolu 493 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta)? Jista' jgħid ukoll dwar liema każijiet kienu dawn ir-rakkomandazzjonijiet u jindika jekk ġewx aċċettati jew le?

30/10/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi mill-2013 sal-lum ma saret l-ebda rakkomandazzjoni mill-Qorti lill-Prim Ministru skont l-artikolu 493 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Seduta 165
07/11/2023

**RAKKOMDAZZJONIJIET DWAR TNAQQIS TAL-PIENA JEW MAĦFRA**

**12842. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid mis-sena 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari kemm-il rakkomandazzjoni saret minn Imħallef lill-President ta' Malta sabiex persuna kkundannata tingħata l-maħfra jew tnaqqis tal-piena skont l-artikolu 494 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta)? Jista' l-Ministru jgħid dwar liema każijiet kienu dawn ir-rakkomandazzjonijiet u jindika jekk ġewx aċċettati jew le?

30/10/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li din l-informazzjoni mhux disponibbli għar-raġuni illi jekk il-Qorti tkun għamlet rakkomandazzjoni lill-President ta' Malta, u l-istess rakkomandazzjoni ma tkunx ġiet komunikata direttament lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali, l-istess informazzjoni ma tkunx possibbli li tinġabar stante n-nuqqas tal-aċċessibblità tal-atti. F'sitwazzjoni ta' din ix-xorta il-Qorti mhijiex obbligata illi tinforma lir-Reġistratur b'tali rakkomondazzjonijiet.

Seduta 165
07/11/2023

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – NEFQA FUQ REKLMAR**

**12843. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid, xahar b'xahar, minn nhar is-27 ta' Marzu 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari kemm kienet in-nefqa mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru u mill-entitajiet kollha li jaqgħu taħtu, f'reklamar fuq is-sit soċjali Facebook? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-imsemmija reklami?

30/10/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 165
07/11/2023

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA – NEFQA FUQ REKLMAR**

**12844. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid, xahar b'xahar, minn nhar is-27 ta' Marzu 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kienet in-nefqa mill-Ministeru għas-Saħħa u mill-entitajiet kollha li jaqgħu taħtu, f'reklamar fuq is-sit soċjali Facebook? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-imsemmija reklami?

30/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fid-dati mitluba minnu, in-nefqa mill-Ministeru għas-Saħħa u mill-entitajiet kollha li jaqgħu taħtu, f'reklamar fuq is-sit soċjali Facebook kienet ta' Eur 2,393.

Seduta 165
07/11/2023

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – NEFQA FUQ REKLMAR**

**12845. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid, xahar b'xahar, minn nhar is-27 ta' Marzu 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kienet in-nefqa mill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u mill-entitajiet kollha li jaqgħu taħtu, f'reklamar fuq is-sit soċjali Facebook? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-imsemmija reklami?

30/10/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Tlabt sabiex it-tagħrif jinġabar.

Seduta 165
07/11/2023

**ANZJANI FIL-KOMUNITÀ - SODOD MOTORIZZATI**

**12891. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm persuni bbenefikaw sa issa mill-iskema ta' sodod motorizzati għall-anzjani li jgħixu fill-komunità? Jista' jgħid ukoll jekk huwiex ser ikompli b'dan l-investiment u fiex ser jikkonsisti?

30/10/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s'issa qed jibbenefikaw 44 anzjan/a mill-iskema ta' sodod motorizzati minn meta tħabbar is-servizz fil-31 t'Awwissu. Il-kuntratt eżistenti ġie estiż sabiex tintlaħaq id-domanda għal dan is-servizz. Sadanittant qed tiġi ppreparata sejħa oħra għall-offerti.

Seduta 165
07/11/2023

**ANZJANI - SERVIZZ TA' ASSISTENZA LEGALI B'XEJN**

**12892. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm anzjani rċevew assistenza legali b'xejn minn meta ġie ffirmat il-ftehim għal dan is-servizz? Jista' l-Ministru jgħid kemm minnhom kienu ta' natura ċivili u kemm minnhom kienu ta' natura kriminali?

30/10/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s'issa t-taqsima tas-social work irreferiet erba' każijiet sabiex dawn jingħataw għajnuna legali, dan wara l-ftehim li sar bejn l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità u l-Legal Aid Malta. Dawn il-każijiet kienu kollha ta' natura ċivili.

Seduta 165
07/11/2023

**DJAR TAL-ANZJANI - MAGNI TAL-ECG**

**12893. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm għandu magni tal-ECG sa issa u f'liema djar tal-anzjani qegħdin? Jista' jgħid min jista' jagħmel użu minn dawn il-magni u kemm anzjani bbenefikaw sa issa minn dan is-servizz?

30/10/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm erba' magni tal-ECG, waħda f'kull dar tal-anzjani tal-gvern. Dawn id-djar huma Dar il-Madonna tal-Isperanza, Mosta; Dar il-Madonna tal-Mellieħa, Mellieħa; Dar il-Ġmiel, Mtarfa u Dar il-Mistrieħ, Furjana.
Dan it-test huwa rakkomandat li jsir darba fis-sena lil kull resident ġewwa dawn id-djar bħala parti minn assessjar annwali. Huwa jittieħed ukoll meta l-anzjan jesperjenza sintomi relatati ma' problemi tal-qalb jew ċirkulazzjoni. Sa issa bbenefikaw 110 anzjan. Wara diversi sejħiet pubbliċi ġiet impjegata ECG technician fuq bażi part time fl-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità. Dan ser iwassal lifil-ġranet li ġejjin aktar anzjani f'dawn id-djar ser jibbenefikaw minn dan is-servizz.

Seduta 165
07/11/2023

**OPERATURI TA' SERVIZZI TA' TRASPORT TAL-PASSIĠĠIERI U KIRI TA' VETTURI - LIĊENZJI TA' OPERATURI U VETTURI REĠISTRATI**

**12907. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista sħiħa tal-Liċenzji ta' Operaturi (skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 499.68) u għal kull waħda jgħid kemm hemm vetturi reġistrati magħha?

31/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 165
07/11/2023

**VETTURI BIL-'GY' U 'LY' PLATES - OPERATURI**

**12908. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista sħiħa tal-pjanċi tal-vetturi li jispiċċaw bl-ittri 'GY' u 'LY' u f'kull każ jgħid ma' liema Liċenzja ta' Operatur (skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 499.68) huma reġistrati?

31/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 165
07/11/2023

**VETTURI BIL-'GY' U 'LY' PLATES - DRIVER'S TAG**

**12909. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn persuni li għandhom fil-pussess tagħhom Driver's Tag valida (għall-vetturi li jispiċċaw bl-ittri 'GY' u 'LY') u jqassam l-informazzjoni skont in-nazzjonalità tal-persuna?

31/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 165
07/11/2023

**VETTURI BIL-'GY' U 'LY' PLATES - DRIVER'S TAG MAĦRUĠA**

**12910. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm inħarġu Drivers' Tags (għall-vetturi li jispiċċaw bl-ittri 'GY' u 'LY') mill-2017 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

31/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 165
07/11/2023

**OPERATURI TA' SERVIZZI TA' TRASPORT TAL-PASSIĠĠIERI U KIRI TA' VETTURI - LIĊENZJI MAĦRUĠA**

**12911. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il Liċenzja ta' Operatur (skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 499.68) inħarġet mill-2019 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

31/10/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 165
07/11/2023

**OPERATURI TA’ SERVIZZI TA’ TRASPORT TAL-PASSIĠĠIERI U KIRI TA’ VETTURI - LIĊENZJI TA’ OPERATURI U VETTURI REĠISTRATI**

**12912. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista’ l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista sħiħa tal-Liċenzji ta’ Operaturi (skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 499.68) u għal kull waħda jgħid kemm hemm vetturi reġistrati magħha?

31/10/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 165
07/11/2023

**MEDIĊINA HUMIRA**

**12978. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12185, fil-każ tal-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament flimkien ma' ċertifikat minn konsulent li qed jiċċertifika li dan il-pazjent partikolari kellu trattament effettiv biss bil-Humira u mhux bil-Hulio, jista' l-Ministru jispjega għalfejn allura t-talba tiegħu quddiem l-Exceptional Medicinal Treatment Committee ġiet rifjutata? Jista' jgħid ukoll x'inhi s-soluzzjoni li l-Gvern joffri lill-pazjenti simili f'każ bħal dan?

01/11/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Waqt li ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-kumitat li rrefera għalih hu, huwa kumitat tekniku, ninfurmah ukoll illi dan il-kumitat jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu skont kriterji stabbiliti u wara li jkun ra t-talba tal-konsultent mediku kuranti.

Seduta 165
07/11/2023

**GUDJA - TRIQ IŻ-ŻEBBUĠA, TRIQ SAN MARK U TRIQ ĠLORMU CASSAR - XOGĦLIJIET**

**12979. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid fiex jikkonsistu x-xogħlijiet li qed isiru fi Triq iż-Żebbuġa, Triq San Mark u Triq Ġlormu Cassar fil-Gudja, kemm ser jiswa l-proġett sħiħ u meta huwa ppjanat li jitlesta x-xogħol?

01/11/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet ta’ Infrastructure Malta fi Triq iż-Żebbuġa jinkludu tibdil tal-medda tad-drenaġġ, tibdil tal-mains tal-ilma u bini mill-gdid tal-bankini u t-triq. Ix-xogħlijiet fi Triq iż-Żebbuġa, li hija bejn Triq San Mark u Triq Ħal Resqun - huma pjanati li jitlestew sal-aħħar tas-sena 2023.

Ix-xogħlijiet ta’ Infrastructure Malta fi Triq San Mark jinkludu cables ġodda tal-Enemalta, tibdil tal-medda tad-drenaġġ, tibdil tal-mains tal-ilma u bini mill-ġdid tal-bankini u t-triq. Dawn ix-xogħlijiet huma limitati għall-parti bejn Triq iż-Żebbuġa u Triq William Baker u huma pjanati li jitlestew sa nofs Frar 2024.

Dawn ix-xogħlijiet huma stmati li jiswew madwar €550,000.

Ix-xogħlijiet fi Triq San Mark (bejn Triq iż-Żebbuġa u Triq il-Fidwa) u fi Triq Ġlormu Cassar qegħdin isiru direttament mill-Enemalta.

Seduta 165
07/11/2023

**AWTORITÀ GĦALL-INTEGRITÀ FL-ISPORT MALTI**

**12980. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12731, jista' l-Ministru jgħid x'inhuma s-salarji, inkluż bonuses, allowances u perkaċċi oħra, li għandhom it-tmien impjegati tal-Awtorità għall-Integrità fl-Isport f'Malta msemmija fl-istess tweġiba?

01/11/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 165
07/11/2023

**COMPLIMENTARY TICKETS GĦAL KUNĊERTI**

**12981. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12722, jista' l-Ministru jgħid bil-quddiem x'se tkun il-proċedura li biha l-Awtorità għat-Turiżmu u l-Ministeru tiegħu se jilqgħu talbiet għal complimentary tickets għall-kunċert ta' Andrea Bocelli u Joseph Calleja li huwa ppjanat għall-25 ta' Novembru u li jidher li hu wkoll sponsorjat mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA)?

01/11/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12722.

Seduta 165
07/11/2023

**COMPLIMENTARY TICKETS GĦAL KUNĊERTI**

**12982. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12723, jista' l-Ministru jara li jinżamm rendikont ta' kif jitqassmu l-complimentary tickets għall-kunċert ta' Andrea Bocelli u Joseph Calleja li huwa ppjanat għall-25 ta' Novembru u li jidher li hu sponsorjat mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) stess, u li f'ġieħ it-trasparenza jinżamm għal kull attività li għaliha l-Awtorità tingħata dawn it-tip ta' biljetti?

01/11/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12723.

Seduta 165
07/11/2023

**FONDI MAĦRUĠA GĦAL KUNĊERT**

**12983. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm ser jinħarġu fondi pubbliċi jew fondi Ewropej għall-kunċert ta' Andrea Bocelli u Joseph Calleja li huwa ppjanat għall-25 ta' Novembru u li jidher li hu sponsorjat mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu(MTA)?

01/11/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba ma tistax tingħata stante li hija waħda kummerċjalment sensittiva.

Seduta 165
07/11/2023

**BCA – KORS TA’ FIRE SAFETY GĦALL-ĦADDIEMA**

**12989. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm impjegati fi ħdan l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) li ħadu kors bażiku ta' ‘Fire Safety’ matul is-snin 2021, 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista’ jgħid min attenda, f'liema sena ngħata dan il-kors bażiku, kemm-il siegħa kien kull kors u jekk dan wassalx biex dawn l-istess ħaddiema jsiru Fire Marshalls? Jekk iva, jista' jgħid min intgħażel u jekk dawn hux qed jibbenefikaw minn xi allowance fil-paga? Jista' jgħid ukoll minn meta dawn il-ħaddiema bdew jieħdu allowance fil-paga (sena u xahar), jekk dawn l-istess ħaddiema humiex effettivament intitolati għal xi forma ta' allowance minħabba l-iskala tagħhom, u jekk din l-allowance hijiex skont il-ftehim kollettiv li kien ġie ffirmat f'Diċembru 2021?

01/11/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tnejn u għoxrin (22) impjegat fi ħdan l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) ħadu kors bażiku ta' ‘Fire Safety’ matul is-snin 2022 u 2023. Disa’ (9) ħaddiema għas-sena 2022 u tlettax-il ħaddiem (13) għas-sena 2023. Il-kors kien ta’ erba’ siegħat. Dan il-kors wassal biex dawn il-ħaddiema kollha jsiru ‘Fire Marshalls’. Preżentament ħadd ma qed jibbenifika minn xi allowance relatata fil-paga.

Seduta 165
07/11/2023

**BCA – KORS TA’ FIRE SAFETY GĦALL-ĦADDIEMA – ALLOWANCE**

**12990. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-management tal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) kienx ħareġ sejħa interna għall-attenzjoni tal-ħaddiema kollha biex ikunu informati bid-dettall tal-kors tal-‘Fire Safety’ u li setgħu jibbenefikaw minn allowance fil-paga? Jista' jgħid liema kriterji adottat il-BCA biex waslet tagħżel ħaddiema fuq oħrajn li ta’ dan bdew jirċievu allowance fil-paga? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-inkartament li juri l-eżerċizzju li wassal biex l-Awtorità tagħżel ħaddiema fuq oħrajn, minkejja li kollha għamlu l-istess kors? Jista' jgħid ukoll x’inhu l-valur annwali ta' din l-allowance u fuq liema kriterji ġie bbażat dan il-valur? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra d-dettall li fih jinkludi d-dħul minn allowance li akkwista kull ħaddiem magħżul, xahar b'xahar, sena b'sena, irrispettivament min-nomina li ngħatat lil din l-allowance u ċjoè jekk din tissejjaħx ‘Fire Marshall Allowance’, ‘Deputising Allowance’ jew xi ħaġa oħra?

01/11/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12989.

Seduta 165
07/11/2023

**MEDITERRANE FILM FESTIVAL; THE GOLDEN BEE AWARDS – LUXURY BOAT U VIPS ABBORD**

**12997. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 12110, 12431 u 12666 u jgħid x’kien l-iskop tal-luxury boat li abbord tagħha kien hemm VIPs u li ttieħdu fuq Manoel Island għal gala night tal-Mediterrane Film festival: The Golden Bee awards? X’inhu l-isem tad-dgħajsa u ta’ min hi? Jista’ jgħid ukoll kemm ġie jiswa l-pontoon li nbena f’Manoel Island biex tkun tista’ tittrakka l-luxury boat biex jitniżżlu l-VIPs u min ħallas għal dan il-pontoon? Jista’ jgħid kemm ġiet tiswa l-luxury boat b’kollox u jagħti l-lista tal-mistednin VIP li kienu fuq din id-dgħajsa?

02/11/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f’seduta oħra.

Seduta 165
07/11/2023

**BCA – SEJĦA PUBBLIKA GĦALL-KARIGA TA' CHIEF OFFICER**

**12998. L-ONOR. DAVID AGIUS** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12648 jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tas-sejħa pubblika maħruġa mill-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) li qed issir referenza għaliha f'din it-tweġiba? Jista' jgħid:
a. fejn kienet ġiet ippubblikata għall-attenzjoni tal-pubbliku;
b. kemm-il ġurnata damet ippubblikata;
ċ. kemm-il persuna applikat għall-pożizzjoni ta' Chief Officer;
d. kemm kien hemm applikanti eliġibbli;
e. kemm saru interviews; u
f. kemm minn dawn ikklassifikaw fil-klassifika finali?

02/11/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li infurmat li l-proċess tal-għażla sar b'konformità mal-proċedura stabbilita. Is-sejħa ntbagħtet lill-Jobsplus kif mitlub u ġew elenkati l-kandidati prospettivi. Minn dawn it-tliet kandidati li ġew identifikati fil-lista tal-Jobsplus, wieħed biss wera interess u applika. Il-kandidat li applika ġie kkonfermat bħala eliġibbli, saret l-intervista u nħareġ ir-riżultat.

Seduta 165
07/11/2023

**MINIMUM WAGE AGREEMENT IFFIRMAT MILL-IMSIEĦBA SOĊJALI**

**13024. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-Minimum Wage Agreement iffirmat mill-imsieħba soċjali?

02/11/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Qiegħed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra dan il-ftehim li l-Oppożizzjoni kienet mistiedna għall-iffirmar tiegħu u m'attenditx.

Seduta 165
07/11/2023

**RELATTIVITÀ TAL-PAGI GĦAS-SETTUR PUBBLIKU U S-SETTUR TAS-SERVIZZI**

**13025. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid għaliex se tintilef ir-relattività tal-pagi għas-settur Pubbliku u għas-settur tas-Servizzi? Jista' jgħid ukoll għaliex ma ddaħħal l-ebda mekkaniżmu kif kien hemm fil-baġit preċedenti?

02/11/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Pubblikament magħruf li hemm laqgħa skedata mal-unions.

Seduta 165
07/11/2023

**KORDIN GRAIN SILO**

**13026. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm hi l-kapaċità għal kull tunnellata tal-grain pump l-antika li ntużat fil-Kordin Grain Silo u l-grain pump il-ġdida li ġiet installata? Jista' jgħid ukoll it-tul ta' żmien ta' meta l-pompa l-qadima waqfet tiffunzjona sa meta bdiet titħaddem il-pompa l-ġdida tal-qamħ?

02/11/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninofrma lill-Onor. Interpellant li l-crane l-ġdid għandu kapaċità ta' 700 tunnellatta fis-siegħa filwaqt li l-crane l-antik kellu kapaċità ta' 1,100 tunnellata fis-siegħa.
Il-crane l-antik waqaf jaħdem f'Awwissu tal-2018 filwaqt li l-crane l-ġdid ġie installat f'Settembru tal-2023.

Seduta 165
07/11/2023

**KORDIN GRAIN TERMINAL**

**13027. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Kordin Grain Terminal hux se ssir privatizzata jew parzjalment privatizzata?

02/11/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Gvern għadu qed jesplora l-aħjar strateġija għall-quddiem Kordin Grain Terminal.

Seduta 165
07/11/2023

**BAĠIT 2024 - FREEPORT**

**13028. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru għal kull item jelenka fid-dettall għalxiex se jintużaw it-12-il miljun ivvotati għall-Freeport f'dan il-baġit tas-sena li ġejja?

02/11/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li-l-fondi msemmija jirriletaw mal-proġett tax-shore-to-ship fil-Port Ħieles. Il-proġett hu kofinazjat minn fondi tal-Unioni Ewropea.

Seduta 165
07/11/2023

**UNIVERSITA' TA' MALTA - WASTE CHEMISTRY LAB - FONDI**

**13029. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jelenka l-fondi li ntużaw għall-Waste Chemistry Lab fl-Università ta' Malta matul is-snin 2022, 2023 u l-fondi stmati għall-2024?

02/11/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 165
07/11/2023

**MALTA STANDARDS AUTHORITY – KUNTRATTI MA NGOS U KUMPANIJJI PRIVATI**

**13034. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kemm hawn NGO's li jagħtu servizz lil persuni b'diżabilità? Tista' tgħid x'tip ta' kuntratti għandha l-Awtorità Maltija dwar l-Istandards ma' dawn l-NGO's? Tista' tgħid jekk il-Ministeru għandux ukoll kuntratti ma' service providers privati u jekk iva, ma' liema service providers privati huma dawn il-kuntratti u jekk tali kuntratti humiex differenti minn dawk li hemm mal-NGO's?

02/11/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onorevoli interpellanta li b'kollox hemm 58 għaqda li hija reġistrata mal-Uffiċċju tal-Kummissarju għal-Organizzazzjonijiet Volontarji (OCVO), b'natura u ħidma li torbot ma' dak li għandu x'jaqsam is-settur tad-diżabilità.
Ninfurmaha ukoll li l-Agenzija Sapport għandna żewġ kuntratti ma' service providers. Wieħed mal-kumpanija HILA Homes fejn jingħata servizz ta' respite u kuntratt ieħor mal-Koperattiva SPERO li joffru servizz lil persuni b'nuqqas ta' dawl. Fir-rigward tal-NGOs hemm żewġ kuntratti ma' żewġ għaqdiet (Dar il-Kaptan u Dar Arka) li joffru servizz ta' respite.
L-Awtorità Maltija dwar l-Istandards ma tidħolx f'kuntratti simili fis-settur tad-diżabilità.

Seduta 165
07/11/2023

**TRANSPORT MALTA – TAĦRIĠ TAS-SEWQAN SPEĊJALIZZAT GĦAL PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

**13035. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk Transport Malta (TM) għamlitx xi sejħa biex instructors tas-sewqan jingħataw taħriġ speċjalizzat biex ikunu jistgħu jgħallmu lil persuni b'diżabilità biex ikunu jistgħu jġibu l-liċenzja tas-sewqan? Jekk iva, jista' l-Ministru jgħid meta ħarġet is-sejħa, kemm kien hemm instructors li fil-fatt applikaw għal dan it-taħriġ, u kemm minnhom temmew it-taħriġ?

02/11/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 165
07/11/2023

**EDUKAZZJONI - PROGRAMM FUQ SAĦĦA SESSWALI SPEĊJALIZZAT GĦAL PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

**13036. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar jekk il-Ministeru waqqafx xi programm edukattiv speċifiku biex persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jingħataw informazzjoni u tagħrif dwar is-sesswalità u s-saħħa sesswali? Jekk iva, meta beda jitħaddem dan il-programm, u kemm kien hemm persuni li għamlu użu minnu?

02/11/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Kurrikulu Minimu Nazzjonali (NMC) tal-1990 kien l-ewwel qafas legali li jħaddan aspetti differenti tal-iżvilupp uman u d-diversità ta' kull student. L-NMC poġġa enfasi fuq esperjenzi ta' tagħlim li jippermettu lill-istudenti jiżviluppaw ħiliet li jgħinuhom jiddibattu fuq s-sesswalita u r-relazzjonijiet b'mod matur u jikkultivaw attitudni imparzjali u mingħajr ġudizzju lejn is-sess u s-sesswalità. u "aġixxi b'mod responsabbli u pożittiv f'dan ir-rigward" (NMC, 1990, p.36). Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali għal Kulħadd tal-2012 u l-Linji Gwida tal-2013 dwar l-Edukazzjoni dwar is-Sesswalità u r-Relazzjonijiet fl-Iskejjel Maltin komplew fuq dan il-kunċett ta' inklussività.

L-Edukazzjoni fuq is-sesswalita u r-relazzjonijiet hija obbligatorja taħt l-Att dwar l-Edukazzjoni Bażika u titwassal f'diversi suġġetti prinċipalment fix-Xjenza, Bijoloġija, u fis-suġġett tal-PSCD (Żvilupp Personali, Soċjali u tal-Karriera).

Is-suġġetti differenti jittrattaw is-suġġett minn perspettiva differenti iżda l-PSCD huwa l-uniku suġġett li jittratta is-suġġett tas-sesswalita u r-relazzjonijiet fi snin kollha li s-suġġett jiġi mgħallem, jiġifieri mill-Year 4 sa Year 11. Dan iseħħ biex l-istudenti jkollhom l-informazzjoni t-tajba u b'hekk ikun ippreparati b'mod adegwat għall-bidliet fiżiċi, emozzjonali u fiżjoloġiċi li se jkunu qed iseħħu.

Is-sillabu tal-PSCD jiġi aġġornat kontinwament biex ikun żgurat li jirrifletti l-bżonnijiet tal-istudenti. Matul is-snin diversi riżorsi differenti ngħataw lil-għalliema bħal pereżempju kits tal-eżami tas-sider u testikolari u kits tal-kontraċettivi biex it-tagħlim ikunu iktar effettivi.

Seduta 165
07/11/2023

**PENSJONIJIET TA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ – TIBDIL FIL-LIĠIJIET**

**13037. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid jekk sarx jew hux mistenni li jsir fil-futur qarib tibdil fil-liġijiet dwar il-pensjoni ta' persuni b'diżabilità, biex dawk il-persuni b'diżabilità severa (li sal-lum jistgħu jaħdmu u fl-istess ħin jingħataw il-benefiċċji) li jilħqu l-età pensjonabbli fil-fatt ikomplu jirċievu l-istess benefiċċji, minkejja li jkunu qed jieħdu l-pensjoni?

02/11/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 165
07/11/2023

**ĦARSIEN TAL-INTERESSI TAT-TFAL**

**13038. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid xi żviluppi ġodda kien hemm matul l-aħħar tnax il-xahar f'dak li jikkonċerna t-tisħiħ tal-ħidma koordinata bejn il-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Socjali (FSWS), id-Dipartiment tas-Saħħa u l-iskejjel sabiex jiġi assigurat li jkun hemm passi preventivi biex jiġu mħarsa l-interessi tat-tfal? X'titjib sar f'dan ir-rigward matul dan il-perjodu?

02/11/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 165
07/11/2023

**STRATEĠIJI NAZZJONALI - PERSUNI B'DIŻABILITÀ JEW BL-AWTIŻMU**

**13039. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid xi żviluppi kien hemm matul din is-sena għal dak li jirrigwarda avvanz biex jintlaħqu l-miri tal-Istrateġija Nazzjonali għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u l-Istrategija Nazzjonali għall Persuni bl-Awtiżmu? Tista' tgħid ukoll x'miżuri oħra huma mistennija li jkomplu jittieħdu fil-futur immedjat sabiex dawn l-għanijiet ikomplu jintlaħqu fl-iqsar żmien possibbli?

02/11/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fir-rigward taż-żewġ Strateġiji, l-Ministeru flimkien mal-istakeholders konċernati jfasslu l-pjanijiet fuq bażi annwali sabiex jiġu identifikati dawk l-azzjonijiet li jkunu ser jitwettqu matul is-sena, u fuq bażi regolari jsir eżerċizzju ta' monitoraġġ sabiex jitkejjel il-progress li jkun sar. Intant, bħala parti mill-monitoraġġ taż-żewġ strateġiji, twaqqfu wkoll strutturi apposta fi ħdan il-Ministeru fosthom il-Mekkaniżmu Nazzjonali ta' Kordinazzjoni għall-Konvenzjoni UNCPRD, l-ENGAGE, u l-Kunsill Konsultattiv dwar l-Awtiżmu.Dan l-istess eżerċizzju qed jiġi preparat għas-sena li ġejja sabiex jitwettaq pjan ta' dak li hu previst li jsir.
Intant, id-Direttorat għall-Affarijiet dwar id-Diżabilità ħadem ukoll fuq diversi liġijiet li huma relatati mas-settur tad-diżabilità fosthom:

- Ir-Ratifika tal-Konvenzjoni ta' The Hague dwar il-Protezzjoni Internazzjonali tal-Adulti;
- L-Att dwar il-Protezzjoni ta' Adulti f'Sitwazzjonijiet ta' Vulnerabilità (PASVA)
- L-Att dwar l-Awtonomija Personali
- Avviż legali dwar l-Assistenza Personali
- Avviż legali dwar ir-Rati fir-rigward ta' Persuni li jgħixu f'Residenzi tad-Diżabilità
- Direttiva tal-UE dwar il-European Disability Card u l-Blue Badge
- Leġiżlazzjoni sabiex tiġi pprojbita l-Isterilizzazzjoni Furzata

Għaddejjin ukoll b'konsultazzjoni biex jiġu żviluppati l-elementi ta' data fi rigward ta' diżabilità. Matul is-sena saru diskussjonijiet ma' diversi setturi fis-Servizz Pubbliku b'mod speċjali dwar l-aċċessibilità f'postijiet pubbliċi, bajjiet, attivitajiet kulturali u ta' divertiment, kif ukoll servizzi għal tfal b'diżabilità sabiex jiffaċilitaw il-vjaġġ edukattiv tagħhom. Dawn id-diskussjonijiet huma kontinwi matul is-sena kollha.

Seduta 165
07/11/2023

**BIRKIRKARA – TRIQ KALĊIDON GATT - XOGĦLIJIET**

**13050. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid x'qed isir fi Triq Kalċidon Gatt, f'Birkirkara, min hu responsabbli mix-xogħlijiet u meta huma mistennija jitlestew? Jista' jgħid ukoll x'miżuri qed jittieħdu biex ikunu mħarsa r-residenti li joqogħdu fil-qrib u l-istudenti tal-iskola medja f'Ta' Paris?

03/11/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 165
07/11/2023

**BIRŻEBBUĠA - ĠNIEN IL-KUNSILL TAL-EWROPA – BANDLI**

**13051. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jelenka l-apparat tal-bandli li ser ikunu installati fi Ġnien il-Kunsill tal-Ewropa, f' Birżebbuġa, u jgħid meta dawn ser ikunu installati?

03/11/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 165
07/11/2023

**IL-QAJJENZA, BIRŻEBBUĠA – TRASFERIMENT TA' ART**

**13052. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju waslu t-taħditiet biex l-art fejn qabel kien hemm l-impjant tal-gass tal-Enemalta fil-Qajjenza, Birżebbuġa, tiġi trasferita mill-Gvern lill-privat? Jista' jgħid ukoll x'tip ta' trasferiment ser ikun?

03/11/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Il-Gvern għandu biss titolu fuq erba' siti żgħar illi jiffurmaw parti minn dan is-sit, liema siti ma jaqbżux l-erbatax fil-mija (14%) tal-kejl tas-sit kollu. Għaldaqstant, il-Gvern għalissa qiegħed jillimita ruħu illi jagħti l-kunsens tiegħu sabiex tiġi sottomessa applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar, u dan għall-ippjanar aħjar tas-sit kollu. Rigward trasferimenti eventwali ta' dawn l-erba' siti, l-Awtorità tal-Artijiet sejra tistenna l-eżitu tal-proċess tal-ippjanar qabel ma tibda diskussjonijiet ulterjuri mas-sidien kollha.

Seduta 165
07/11/2023

**LABORATORJI GĦAL TESTIJIET FUQ IL-BRICKS**

**13053. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kemm hawn laboratorji f'Malta li huma rreġistrati u akkreditati li jistgħu jagħmlu testijiet fuq il-bricks użat fil-bini, liema huma u meta l-aħħar li ġew akkreditati jew kellhom iċ-ċertifikazzjoni tagħhom imġedda?

03/11/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma jeżisti ebda obbligu legali għar-reġistrazzjoni tal-laboratorji. Il-Korp Nazzjonali dwar l-Akkreditament (NAB-MALTA) akkredita laboratorju f'Malta għal xi testijiet fuq bricks (pre-cast) użat fil-bini. Dan il-laboratorju huwa propjetà ta' Solidbase Laboratory Ltd u ilu akkreditat għal tali skop mil-2013.

Seduta 165
07/11/2023

**KLINIĊI TAL-PSIKJATRIJA – PERSUNI LI JIEĦDU SERVIZZ**

**13054. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12763, fejn id-Deputat Prim Ministru rreferieni għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11017, peress li f'din it-tweġiba m'hemmx id-dettall mitlub, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi b'mod ċar kemm kien hemm persuni li ħadu servizz (service users) mill-kliniċi tal-psikjatrija f'Malta u Għawdex, mill-1 ta' Jannar 2018 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

03/11/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed titpoġġa lista fuq il-Mejda tal-Kamra bl-informazzjoni mitlub minnu.

Seduta 165
07/11/2023

**IL-QAJJENZA, BIRŻEBBUĠA – TRASFERTIMENT TA' ART**

**13055. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid f'liema stadju waslu t-taħditiet biex l-art fejn qabel kien hemm l-impjant tal-gass tal-Enemalta fil-Qajjenza, Birżebbuġa, tiġi trasferita mill-Gvern lill-privat? Tista' tgħid ukoll x'tip ta' trasferiment ser ikun?

03/11/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Infurmata li l-Enemalta mhix se titrasferixxi l-ebda art minn tagħha lill-privat.

Seduta 165
07/11/2023

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – KOMUNIKAZZJONI MAL-KUNSILLI LOKALI U KUMITATI REĠJONALI**

**13056. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Kunsilli Lokali u l-Kumitati Reġjonali jiġux infurmati mill-Awtorità tal-Ippjanar dwar applikazzjoni ta' żvilupp fil-lokalità u/jew reġjun rispettiv tagħhom? Jekk iva, jista' jgħid kif dan isir u jekk hemmx sistema ta' tfakkir (reminders)?

03/11/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Kunsilli Lokali huma meħtieġa (skond ir-Regolament 10 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 552.13) li jirreġistraw fis-sistema elettronika tal-Awtorità tal-Ippjanar. Dawk kollha rreġistrati jirċievu talba għal konsultazzjoni speċifika dwar kull applikazzjoni fil-lokalità tagħhom li tgħaddi mill-proċess sħiħ (kif deskritt fl-istess Leġiżlazzjoni Sussidjarja) u jinatgħu 30 ġurnata għal tweġiba li trid tittellgħa fl-istess sistema elettronika. Meta l-applikazzjoni tkun tikkwalifika li tgħaddi biss mill-proċess sommarju (li ma jinkludix konsultazzjonijiet esterni) din il-komunika ma ssirx.

F'kull każ, kull applikazjoni li tkun meqjusa kompluta u tkun tista' tibda tiġi pproċessata mill-Awtorità (irrispettiv minn liema proċess tkun ser issegwi) tiġi ppublikata fuq il-websajt tad-Dipartiment tal-Informazzjoni kull nhar t'Erbgħa. Din tkun imqassma lokalità b'lokalità biex wieħed ikun jista' faċilment isib il-każijiet li jolqtu l-lokalità li tinteressah. Il-pubbliku flimkien mal-Kunsilli Lokali u l-Kumitati Reġjonali jistgħu jdaħħlu l-kummenti tagħhom fil-perjodu speċifikat fl-istess pubblikazzjoni.

Din il-lista hija provduta ukoll fl-istess sit li huma meħtieġa jirreġistraw fiħ, magħruf bħala l-eApplications, fejn l-applikazzjonijiet għall-proċess sommarju huma mifruda minn dak għal proċess sħiħ minħabba li l-Kunsill ikun diġà rċieva korrispondenza diretta dwar dawk li jikkwalifikaw għal proċess sħiħ u għalhekk minn din il-lista jkunu jistgħu jikkonċentraw fuq il-każijiet li jikkwalifikaw għall-proċess sommarju.

Ma hemm l-ebda sistema ta' tfakkir (reminders).

Seduta 165
07/11/2023

**BIRKIRKARA – TRIQ FLEUR DE LYS**

**13057. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk Triq Fleur de Lys, f'Birkirkara, hux se tkun magħluqa għal perjodu ta' żmien din is-sena? Jekk iva, jista' jgħid għaliex u għal kemm-il jum?

03/11/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 165
07/11/2023

**UNIVERSITÀ TA' MALTA – REKLAM DWAR ABORTION REVERSAL**

**13058. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Fid-dawl li fuq rivista tal-Fakultà tal-Università ta' Malta, qed jiġi ppubblikat reklam li informazzjoni dwaru qed jingħata separatament, li lokalment qed tingħata assistenza biex isir abortion reversal, fejn bosta organizzazzjonijiet mediċi internazzjonali jgħidu li din hi proċedura perikoluża, għaldaqstant, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk din il-proċedura hijiex legali?

03/11/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-użutal-Progesterone huwa legali meta użat skont il-ġudizzju kliniku tat-tabib kuranti.

Seduta 165
07/11/2023

**ABORTION REVERSAL – PRESKRIZZJONI TA' MEDIĊINA**

**13059. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hux permess bil-liġi tagħna li tabib jagħti preskrizzjoni ta' mediċina bħal progesterone bil-għan li jkun hemm abortion reversal?

03/11/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirrreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13058.

Seduta 165
07/11/2023

**HOME HELP - SERVIZZ APPROVAT - DEWMIEN**

**13070. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12627, jista' l-Ministru jgħid għaliex hemm 81 applikant li għadhom qed jistennew is-servizz approvat? Jista' l-Ministru jgħid x'qed iwassal għal dan id-dewmien?

03/11/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nixtieq ninforma lill-Onor. Interpellant li dan id-dewmien huwa riżultat ta' nuqqas ta' ħaddiema li jagħmlu x-xogħol ta' homehelpers.

Seduta 165
07/11/2023

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻAĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - MEMBRI TA' BORDIJIET U ENTITAJIET**

**13071. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12621, jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri preżenti ta' kull bord u entità li rrefera għalihom fir-risposta tiegħu u jgħid ukoll x'inhi r-remunerazzjoni ta' kull membru ta' dawn il-bordijiet u entitajiet?

03/11/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 165
07/11/2023

**SERVIZZ TA’ GĦAJNUNA FID-DAR - LISTA TA’ STENNIJA**

**13072. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista’ l-Ministru jgħid kemm hija l-lista ta’ stennija għas-servizz ta’ Għajnuna fid-Dar (Home Help) sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

03/11/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-preżent ġewwa Malta hemm 103 applikanti li qed jistennew is-servizz tal-Għajnuna fid-Dar.

Seduta 165
07/11/2023

**QRATI TAL-ĠUSTIZZJA KRIMINALI - MULTI PENDENTI**

**13076. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm baqa' multi pendenti/mhux imħallsa li ġew imposti f'kawi deċiżi mill-Qrati tal-Ġustizzja Kriminali, kif ukoll il-valur tagħhom mill-perjodu 2010 sal-ġuranta li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

03/11/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex tinġabar l-informazzjoni.

Seduta 165
07/11/2023